# IS-SEKSIEK TAR-RAHAL

*Ta'* A. GUILLAUMIER

MIN ma kienx jafu? Kulħadd! Min ma kienx jarah? Sa l-iċken żgħajjar. Hemm, ħdejn l-għorfa—raġel imdaħħal sewwa fiż-żmien, wiċċu kollu mfellel, xagħaru qotna, milwi tnejn, mustaċċi kbar bojod imqanfdin qishom tarf ta' ħabel tal-qanneb, fommu mbexxaq u għajnejh jibru u jżiġġu qishom għadhom ta' meta kien għadu tfajjel. Kien mitfugħ fuq daqsxejn ta' dikkiena tal-ħaġar u mwieżen fuq biċċa għasluġ. Kien milfuf ġo ġlekk kbir ixheb li kien tilef lewnu sewwa kemm biż-żmien kif ukoll bil-qoxra ħmieġ li kellu. F'rasu kellu berritta qadima u maħmuġa bl-idejn. Il-pipa tal-fuħħar ma kienet taqta' qatt minn ħalqu, idaħħan dejjem u jnitten dik ir-roqgħa li jkun fiha.

Rafel, għax hekk kien jismu dak ix-xwejjaħ, kien qorob sewwa t-tmenin sena. Għaż-żmien li kellu ma tantx kien immantar — kien aktarx fuq tiegħu u tistaqsih kemm kien igħodd ma kontx teħles bi ħmistax-il sena anqas milli kellu. Bosta xjuħ oħra ta' Ħabura kienu jiftakruh sewwa li hu diġà kien raġel meta huma kienu għadhom żinżilli. Lil Rafel kienu jafuh raġel li Alla jħares iddendel kusek miegħu—ta' żaqqu f'fommu: kelma ma kienx iqisha darbtejn. Meta darba kellu xi jgħid ma' ġar tiegħu fuq xi ilma tal-ġiebja, tgħidx x'ma qallux u x'ma għajrux. Daqs kemm sibel u għajjat, saħansitra nġabru nies minn toroq oħra u d-daħk li sar baqa' jissemma' mar-raħal kollu. Imma l-aktar drawwa li kellu li, milli dehret, kibret u għexet miegħu, kienet li kien iħobb jitgħabba b'salib għajru. Kollox kien ikun jaf x'sar minn tarf sa l-ieħor tar-raħal. Kien ibakkar minn sbieħ Alla jqawwar is-siġar, jonqox ix-xtieli tal-patata, jonkella jaħrat l-għelieqi li kellu b'bagħal xieref u wara erħilu jiżra' u jgħatti l-ħamrija tal-lanijiet li jkun ħalla warajh. Il-pipa tal-fuħħar twila u milwija 'l isfel kienet saret qisha biċċa minnu, jisbaħ biha u jorqod biha ħada rasu. Wara li kien jeħles mix-xogħol tal-qasam erħilu jintefa' fuq daqsxejn ta' dikkiena li kellu wara l-bieb tal-għorfa u jibqa' hemm sakemm Alla jfettillu jżidlu ċ-ċomb fuq għajnejh. U issa minn mindu rafa' mix-xogħol aktar kompla daħal fid-drawwa tas-seksik.

F'Hal Ħabura kulħadd kien jafu bħala raġel seksiek u mehdi bin-nies. Ma kien jista' jgħaddi ħadd minn quddiemu li ma kienx ikun irid jaf u għalfejn għadda. Il-qatla ta' bosta

mir-raħħala kienet li jkun jeħtiġilhom igħaddu 'l bogħod minnu. L-aktar li kien jaħbat ħażin kien ikun xi ħadd li rari jgħaddi minn quddiemu, jonkella xi ieħor li ma għadda qatt u għadda darba biss. Erħilu jgħarrex u jfittex lil xi ħadd li jista' jtih xi ħjiel ċkejken dwarhom. Meta ma jirnexxilux, kien iqisu bħala għajb għalih.

Ma damx wisq imtiegħeb Rafel iħares lejn il-kelb xwejjaħ tal-kaċċa li kien iħobb iżomm ħdejh, li ma samax ħsejjes tar-roti ta' karrettun joqrob lejh. Bħal drabi oħra, għolla rasu 'l fuq u tbissem.

"L-għodwa t-tajba, Rafel. Int l-aħjar għax ħadd ma jinkwetak"

"U min jaf min hu l-aħjar Żeż", wieġeb hu fil-waqt li għolla ħuġbejh 'il fuq u mejjel rasu. "Fid-dinja mhux dejjem issib xi ħadd li jinkwetak?"

"U iva, imma rrid ingħid, int l-aħjar għax irfajt mix-xogħol, ħsieb ta' xejn, jasal ħin il-fatra u barra bid-daqq. Mhux bħali, xagħri għoddu bjad u għadni rrid noħroġ inbigħ is-silla. Mistrieħ qatt".

"X'jiswa billi ninsab mistrieħ, Żeż!" reġa' leħħen Rafel.

"U għaliex?" talbitu jgħidilha Żeża.

"U ara l-għaliex? Waqaft mix-xogħol għax ma flaħtx, mhux għax jien mhux bżonn il-flus. Ta'jeb li kieku rfajt mix-xogħol meta kont żgħir. Issa d-dinja għalija ma fihiex aktar ħajr".

Fil-ħin infetħet tieqa mill-għorfa u xirfet Mananni, il-mara tiegħu. Din ukoll kienet xwejħa bħalu, qsajra, xagħarha abjad imħabbel, libsa mqattgħa u mraqqgħa li fiż-żmien kienet sewda u li issa saret ħadranija mitfija. Imdendel ma' qaddha kellha fardal maħmuġ imraqqgħa. Fiż-żmien kienet mara fommha sieket, iżda ġralha bħal ma jgħid il-Malti "tagħmilha maz-zopp, f'għeluq is-sena ssir bħalu". Mananni wirtet xi ftit mid-drawwiet ta' żewġha.

"X'karettun mgħobbi għandek, Żeż!" kien l-ewwel kliem tagħha malli ntebħet min kien fuq il-karettun. "Il fejn se tiġbidha dal-għodu?"

"X'hemm Manann? Trid tbati biex taqla' l-ħobżna ta' kuljum. Mhux dawra mar-raħal tgħid!" wieġbet Żeża minn fuq il-bhima, bir-riedni f'idejha. "Għadni kemm kelli xi ngħid

ma' waħda hawn wara. X'kull waħda wkoll, għax waqaft biswit il-bieb tagħha. Deħrilha li ma kellix inxerred silla fl-art''. U dlonk bdiet izzekzek u tħares biċ-ċiera.

''Ma' min kellek xi tgħid Żeż?'' staqsa minnufih il-kurjuż, b'widnejn mtituhin daqs ta' ħmar.

''Ma' Rożi, dil-ġellieda ta' hawn wara'', qalet hi u wriet b'idejha l-kantuniera. ''Ħasbet li se tbeżżagħni. Li ma daħlitx 'il ġewwa, il-ħabs kien jirbaħni l-lum,'' issoktat tgħid, tgħajjat u tgħaqqad il-ponnijiet.

''Ma' Rożi l-Bikxija?'' staqsietha Mananni, li hi wkoll bdiet zzekzek.

''Kollha kemm hi. Dik is-sewda qisha faħma'', kompliet titmashan Żeża.

''Dik tħobb titgħajjar wisq'', gerger Rafel u deher li sgħobbih mhux ftit għal dik l-aħbar. Imbagħad dellek subgħajh bir-rieq u filwaqt li beda jobrom il-mustaċċi qalilha. ''Qajla teħles minnha, mara pezza-kwistjoni bħal dik. Aħjar qbadt ma' ta' l-Infern għax troddlu s-salib teħles minnu, imma dik lanqas b'xejn ma tbegħedha''.

''Żomm il-kwiet kemm tista', Żeż,'' wissietha Manannu minn ġot-tieqa u: ''Heqq, xi trid tagħmel,'' kompliet tgħidilha, ''min irid joqgħod bi kwietu u ma jistax''.

''Imma jiena ma nooqgħdilhiex, taħsebx!'' reġgħet sibret Żeża. ''Nuriha kif titkellem miegħi. Ħasbet li għax żewġha fih saffejn se tbeżżagħni. Ma tafx li ibni Żarenu l-fostani jrid tnejn bħalu,'' u baqgħet tgħid, thedded u xxejjer rasha sakemm Rafel qalilha:

''Xejn ma ngħidlek, turihiex li qed tibża' minnha. Dik ma tiswiex tebaq fwiedha. Inti, Alla jbierkek, qisek ġolf ħdejha, se tqis lil dik?''

''Minn daqshekk minnu. Kieku qalet kelma oħra......''

''X'inti tgħidilha, Rafel! Mela tridha tagħli?'' widdbitu martu.

''Qed ngħidilha biex tkun mara. Wara kollox jiena ma naħmilx nara mara tajba bħal din tkasbarha dik il-ħalja''.

Wara xi ftit kliem ieħor li fih Żeża wriet kemm hi mara ta'

kelmtha u ma tibża' minn xejn, u Rafel kemm hass għaliha, taw lil xulxin il-jum it-tajjeb u r-rizq.

*    *    *

Rafel tal-Barba, għax hekk kienu laqqmuh sa minn żogħritu, kien imdorri jqum mal-għabex, jilbes qajla qajla, ixidd issidrija sewdinija, il-qorq u l-berritta u pass pass jerħilha lejn il-knisja li kienet f'nofs ir-raħal biex jisma' l-quddiesa ta' l-ewwel. Mat-tmiem tagħha jibqa' sejjer dritt lejn il-ħanut ta' Vitor il-Kerex u jitolbu daqsxejn kafè sħun. Wara li kien igħid xi erba' kelmiet u jiġbor xi tagħrif fuq slaleb in-nies, imur jinqafel fil-qasam. Il-lum ukoll għadu jżommha din id-drawwa sakemm ma tkunx kesħa ż-żejjed u żżommu ġewwa. Iżda x-xogħol tal-qasam kien telqu bħalma ġà għidna.

Kien ilu ftit ipaċpaċ fil-ħanut ta' Vitor il-Kerex, iżda fl-aħħar sellem lil kulħadd u telaq 'il barra. Malli ħareġ qajla qajla, mara nqlgħet minn wara l-ħajt u resqet lejh aktarx imbissma. Imma taħt dik it-tbissima kien hemm xi ħaġa mistura.

"Ara Rożi," għajjat Rafel meta kemmex kemmxejn ħuġbejh u iċċassa lejha. "L-għodwa t-tajba."

"Lilek ukoll, Rafel. Mananni kif inhi, tajba? Ili ma naraha ftit, miskina," qaltlu hi aktarx biex tkun qalet xi ħaġa.

"U kif tridha tkun, Roż, xiħa bħali."

"Hares, Rafel, aqta' għalfejn waqqaftek?" tenniet hi.

"Kif nista' nkun naf?"

"Halli ngħidlek. Il-bieraħ rajt lil Żeża ta' Kalmen wieqfa biswitek tirrieċpa u milli stajt nifhem bdiet tgħid kontra tiegħu kif ġie ġie. Minnu dan, Rafel?" Leħen il-mara issa kien maħnuq u maqtugħ.

Rafel ħakkek ftit il-mustaaċċi, għasar għajnejh, ġibed nifs qawwi, u: "Ma nistax niċħad, Roż. Tidhru li kellkom xi tgħidu sewwa," qalilha hu.

"Jiena ma kellix xi ngħid. Riedet tħebb għalija għax għidtilha biss biex kemm tista' ma twaqqax silla quddiem il-bieb tiegħi. B'daqshekk ma jidhirlix li kellha għalfejn tagħmel qorti", u fetħet idejha biex turi li ma kellhiex ħtija.

"Ara Roż, jien ix;eħ minnek u n-nies ta' dar-raħal nafhom aktar minnek. Inti taf tajjeb jien kemm inġiblek rispett, mela isma' minni u d:k il-mara aħrabha. Tħarisx lejn wiċċha, iftakar li m'intix ta' idejha".

"Le, le", qabżet qaltlu hi, filwaqt li waqfet fuq tagħha

u teżgħet idejha fuq qaddha. "Jiena miniex se nibża' minnha taf, dik hemm qisha sifja".

"U le, mhux hekk, Roż, jiena naf li inti ttiha xebgħa — u haqqha wkoll taf, daqs kemm qalet kontra tiegħek. Imma ħej, ma stajtx inwieġibha, għax taf int kemm hi tal-ġlied. Il-ġlied tieklu bħal ħobż. Ilsieni beda jiekolni biex ngħidilha xi ħaġa", lissen is-seksiek b'sengħa kbira.

"Hekk jonqos ukoll, miskin", tħassritu Rożi. "Tiġġieled minħabba fija".

"Ma narahiex bi kbira taf. Meta niftakar li ma stajtx niftaħ fommi, nagħli".

"Isma' minni Rafel u ħalliha f'idejja. Mela trid tieħu xi tbaqbiqa u tagħti oħra lil Manannì. Huwa jien insibha u nuriha kif tmur ixxandarni mar-rħal. X'taħseb dik li hi, xi Markiża!"

"Dik imdorrija fil-ġlied Roż, mhux bħalek", gerger hu x'ħin għolla idejh 'il fuq. "Mela nsejtu 'l missierha daqs kemm kien ta' qatagħni. Hadd ma kien jista' joqgħod bih ir-raħal".

"Għidli ħej, ma nafx!" tenniet hi filwaqt li tebqet fommha. "Raġel ġellied. Għal ftit ma kienx se jiftilha ma' ħija, imma dak kien jieklu ħaj"

"Dik ħarġet bħalu. Bil-kemm ma reditx tgħid li jien kont qed inżomm miegħek", gideb Rafel.

"Erħilha tgħid, għax fl-aħħar inġibilha xi puliizja u nuriha ma' min qiegħda tagħmilha", tenniet il-mara. "Ħasbet li se tbeżżagħni bl-għajjat".

Xi ġimgħa wara, Rożi l-Bikxija u Żeża ta' Kalment reġgħu kellhom x'igħidu sewwa li saħansitra ġew fl-idejn. In-nies ma tridx wisq biex tinġama' u lanqas biex tagħmilhom bi kbar. Dlonk ġie msejjaħ il-pulizija biex iwaqqafhom, u dan, bħala bniedem tal-Ħaqq, qeda dmiru billi ħadilhom isimhom. Għamel bosta mistoqsijiet liż-żewġ naħiet, fosthom jekk kellhomx xi xhieda.

Wara xi jumjen, il-bieb tal-għorfa ta' Rafel ħabbat imgħaġġel. Manannì fetħet il-bieb kif kienet bil-landa tal-għasida tat-tiġieġ u quddiemha lemħet pulizija b'xi karti f'idu.

"Hawn joqgħod Rafel Brincat?"

"Iva", wieġbitu Manannì aktarx imbeżżgħa.

Il-pulizija silet karta mill-qabda li kellu u newwlilha waħda u qalilha:

"Din karta għal Rafel biex jitla' xhud nhar l-Erbgħa".

"Xhud?" għajtet mistagħġba. "Xhud ta' min?"

"Xhud ta' Rożi Grima".